MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Numru 21/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**John Attard**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu appell maghmul minn John Attard minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet premessi li permezz taghha iddisponiet mill-ewwel eccezzjoni dwar l-ammissibilita` ta' provi sollevata mill-akkuzat. It-tieni eccezzjoni sollevata mill-

istess akkuzat – u cioe` dwar l-ammissibilita` ta’ Abdel al Matulib u ta’ Farhad Fiona – giet sorvolata bid-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li ma kienitx ser tipproduci dawn ix-xhieda. L-appellant odjern jinsab akkuzat b’omicidju volontarju u bil-pussess ta’ sikkina bi ksur tal-ligi.

2. L-ewwel eccezzjoni, kif migjuba fin-nota tas-27 ta’ Awissu 2003, kienet taqra hekk: *“…illi partijiet mill-istqarrijiet ta’ l-akkuzat, li huwa jkun jista’ jindika bi precizjoni una volta illi ssir traskrizzjoni ta’ l-istess mezz elettromanjetiku huma inammissibbli skond il-ligi u f’kull sens jammontaw ghal opinjoni ta’ terza persuna u ghandhom ghalhekk jigu sfilzati.”* In segwitu, permezz ta’ rikors tal-14 ta’ Mejju 2004, l-akkuzat (appellant odjern) talab, ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors, li *“…l-istqarrija ghandha tigi sfilzata fl-interita` taghha.”* Permezz ta’ nota tat-30 ta’ Lulju 2004, l-akkuzat indika dawk il-partijiet mill-istqarrija tieghu (mehuda b’mezzi elettromanjetici u traskritta) li skond hu kienu inammissibbli. B’nota tal-4 ta’ Awissu 2004 l-Avukat Generali wiegeb ghal kull wahda mis-siltiet jew partijiet li l-akkuzat kien wed jindika bhala li kienu inammissibbli. Il-Qorti Kriminali iddecidiet dwar it-talba, ossia l-eccezzjoni, tal-akkuzat bil-mod segwenti u ghar-ragunijiet segwenti:

“Ikkonsidrat;

“Illi f’ dan il-kaz ma gietx prezentata stqarrija bil-miktub tal-akkuzat, izda l-Prosekuzzjoni pprezentat registrazzjonijiet permezz ta’ *tape recordings* tal-interrogatorju li sar lill-akkuzat fil-kors tal-investigazzjoni. Dawn ir-registrazzjonijiet gew traskritti w t-traskrizzjoni taghhom tinsab a fols. 840 sa 937, vol. VIII u a fols. 938 sa 1087, vol. IX tal-process.

“Illi mix-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija (Vol. I , fol. 66), tas-Supratendent Pierre Calleja (Vol. I, fol. 74) u tal-Ispettur Antonello Grech ( Vol. I, fols. 80 u 82) jirrizulta li l-interrogatorju tal-akkuzat gie *audio recorded* u hemm kollox irrekordjat fih. Din ir-registrazzjoni tikkonsisti fi tlitt *casette tapes* u tibda mill-istadju fejn - skond il-

Kummissarju – l-akkuzat "*beda' jammetti certu affarijiet*". Dawn it-*tapes* kienu gew esebiti mill-istess Supratendent Calleja fl-atti tal-inkjesta magisterjali w kien prezenti ukoll l-akkuzat meta dan sar. L-akkuzat dak in-nhar kien inghata kopja tat-*tapes* u fil-prezenza tal-Magistrat Inkwirenti kienu qabblu sintesi mit-*tape* tal-akkuzat mat-*tapes* originali li kienu gew esebiti. Dan kollu hu konfermat u korroborat mill-Ispettur Antonello Grech.

"Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-awtenticita` tat-tapes u l-korrettezza - fis-sustanza - tat-traskrizzjoni taghhom, ghajr xi zbalji tad-dattilografija.

"Illi l-eccezzjoni originali kif intavolata mill-akkuzat bin-nota tieghu kienet fis-sens *li "**partijiet** mill-istqarrija tal-akkuzat……. huma inammissibbli skond il-ligi u f'kull sens jammontaw ghall-opinjoni ta' terza persuna u ghandhom ghalhekk jigu sfilzati."*

"Illi pero` fir-rikors tieghu tal-14 ta' Mejju, 2004, l-akkuzat mar ferm oltre minn dan u sahansitra kkonkluda l-ahhar paragrafu tar-rikors tieghu bil-kliem li: "*l-istqarrija ghandha tigi sfilzata **fl-interita`** taghha*." (emfasi tal-Qorti.)

"Hu minnu li fl-ahhar nota tieghu tat-30 ta' Lulju, 2004, l-akkuzat donnu rega' rriverta ghall-pozizzjoni originali tieghu w indika : ***"l-partijiet mill-istqarrija** mehuda bil-mezzi elettromanjetici u traskritta, li, fl-umili fehma tieghu, huma inammissibbli*" , pero` l-Qorti thoss li f'kull kaz ghandha taghmilha cara li hi ghandha tiddeciedi fuq l-eccezzjoni tieghu kif originarjament impostata w formulata w ghandha tichad kull tentattiv biex din titwessa' jew tigi estiza biex tiftiehem li l-istqarrija kollha ghandha tigi sfilzata. Dan ghaliex, kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Pollacco"** [28.7.1999 ], konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) [19.4.2001], fejn ukoll din il-Qorti ma ppermettietx li tigi estiza eccezzjoni bl-espedjent ta' nota li kienet tmur oltre l-eccezzjoni kif formulata originarjament :-

"*"L-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali, moqri flimkien ma' l-artikolu 449(1) jistabilixxu terminu perentorju li fih ghandhom jinghataw l-eccezzjonijiet preliminari w eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` ta' provi mill-akkuzat …Spiss qed jigri , pero` , li wara li jkunu inghataw dawn l-eccezzjonijiet, l-akkuzat jipprova - fit-trattazzjoni orali jew permezz ta' nota, jew addirittura fl-istadju tal-appell - jwessa' l-istess eccezzjonijiet jew jisposta l-bazi taghhom, b'mod li l-eccezzjoni tigi tkopri ferm aktar minn dak li jkun gie originarjament eccepit fin-nota prezentata entro t-terminu ta' hmistax il-jum tax-xoghol kif provvdut fl-imsemmi Artikolu 438(2) tal-Kodici Kriminali. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux permissibbli peress li jkun jammonta ghal evazjoni tat-terminu perentorju msemmi, b'mod li jkunu effettivament qed jigu sollevati eccezzjonijiet wara li jkun skada t-terminu. Dan qed jinghid ghax proprju fil-kaz odjern, l-akkuzat, riferibbilment ghall-eccezzjoni dwar l-ammissibilita` tal-provi, l-ewwel issolleva eccezzjoni li kienet kjarament limitata fil-portata taghha u wara, permezz ta' nota … sposta kompletament il-bazi ta' dik l-eccezzjoni b'mod li gie qed jissolleva eccezzjoni gdida."*

"Ghalhekk din il-Qorti ser tiddeciedi din l-eccezzjoni biss fit-termini kif originarjament formulata w cioe` biss fis-sens li partijiet biss mill-istqarrija tal-akkuzat u mhux l-istqarrija intiera ghandha tigi sfilzata.

"Sorvolat dan il-punt, il-Qorti issa ser tghaddi biex tikklassifika d-diversi tipi ta' oggezzjonijiet ghall-partijiet tal-interrogatorju tal-akkuzat li d-difiza tirritjeni li huma inammissibbli. Uhud minn dawn gew senjalati waqt l-udjenza tal-10 ta' Gunju, 2004 u l-kumplament fin-nota tal-akkuzat fuq imsemmija w jaqghu pratikament taht erba kategoriji principali w cioe`:-

1. certu kliem hazin, oxxen jew daghha, li allegatament qal l-akkuzat waqt li qed jigi interrogat;
2. certi riferenzi ghall-kondotta precedenti tal-akkuzat li saru minnu stess jew mill-interrogatur;
3. certi kummenti, rimarki jew allegazzjonijiet li saru mill-ufficjali investigaturi bazati fuq x'allegatament qalu nies

ohra, li naturalment, trattandosi ta' interrogatorju f'forma ta' domanda w risposta, huma ukoll inkluzi fir-recording u t-traskrizzjoni tieghu, u li skond id-difiza huma oggezzjonabbli ghax huma "hearsay";
4. certi kummenti, rimarki jew allegazzjonijiet tal-ufficjali investigaturi li jikkostitwixxu biss opinjonijiet u li uhud minnhom, skond id-difiza, jmorru kontra l-prezunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat jew jattakkaw il-karattru tieghu.

"Id-difiza targumenta li l-ewwel tip ta' siltiet huma rrilevanti ghall-kawza w ghalhekk ghandhom jigu sfilzati. Il-Prosekuzzjoni pero` ma taqbilx u tissottometti li l-istqarrija ghandha tinstema' u/jew tigi moqrija fl-integrita` taghha w li, f'kull kaz, il-kliem uzat mill-akkuzat fil-kors tal-interrogatorju jista' juri l-karattru tieghu.

"Fir-rigward tat-tieni tip u cioe` tal-partijiet fejn issemmew affarijiet li jistghu jirriflettu dwar il-kondotta precedenti tal-akkuzat, d-difiza ovvjament qed tibbaza l-oggezzjoni taghha fuq dak li jiddisponu l-artikoli 459A u 489 tal-Kodici Kriminali . Il-Prosekuzzjoni tissottometti li dawk ir-riferenzi li saru mill-akkuzat innifsu **spontanjament** ghandhom ukoll jibqghu jidhru w jinstemghu fl-istqarrija.

"It-tielet tip ta' siltiet id-difiza toggezzjona ghalihom ghax id-domandi jinkludu riferenzi ghal dak li allegatament qal haddiehor li mhux ser jixhed jew li kien ko-akkuzat u li jammontaw ghal kazijiet ta' "hearsay".

"Umbaghad, skond id-difiza, certi kummenti negattivi w opinjonijiet tal-interrogatur fil-konfront tal-akkuzat imorru kontra l-prezunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat u jinfluwenzaw b'mod negattiv lill-gurati. Kummenti ohrajn huma intizi biex iwaqqghu ghaz-zuffjett lill-akkuzat u jattakkaw l-integrita` tieghu w addirittura li jimplikaw li l-akkuzat hu ta' karattru li joqtol. Il-kawtela li solitament ssir mill-Qorti lill-gurati ma tkunx bizzejjed biex tovvja ghall-pregudizzju li jista' jsofri l-akkuzat minhabba dawn is-siltiet.

"Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li dawn ir-rimarki huma kollha ammissibbli jew biex jipprovaw il-motiv, jew ghax

huma kummenti legittimi tal-interrogatur, jew inkella ghax huma teknika interrogattiva ammissibbli. Fejn l-interrogatur esprima opinjoni dwar dak li kien qed jghid l-akkuzat, ghalkemm dan hu apprezzament personali, fl-istess hin jista’ jkollu element oggettiv ukoll. F’ kull kaz ikun bizzejjed li l-Qorti twissi lill-gurati li huma ghandhom jaraw u jqiesu mhux id-domanda izda r-risposta – kif solitament isir waqt kull guri. Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet ukoll li jekk dawn il-partijiet jitnehhew, ma jkunx hemm sekwenza fl-istqarrija.

“Ikkonsidrat;

“Illi l-principji regolaturi ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilita` tal-istqarrija tal-akkuzat huma s-sewgenti . Kull haga li l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista’ tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li dik il-konfessjoni tkun giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghlha jew mehuda b’theddid jew biza’, jew b’weghdiet jew bi twebbil ta’ vantaggi (Art. 658 tal-Kodici Kriminali). Jekk il-konfessjoni saritx volontarjament jew le hi kwistjoni li trid tigi deciza mill-gurati w mill-gurati biss. (ara: Appell Kriminali : **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Emmanuel Farrugia**” [20.1.1989] Kollez.Vol. LXXIII, p.5 Sect. I p 1036 u ohrajn.)

“Meta l-konfessjoni titnizzel bil-miktub fil-waqt li tigi maghmula, il-kitba ghandha tigi prezentata w biss jekk jigi pruvat li l-kitba giet meqruda jew mitlufa, issir prova bil-fomm, sabiex tigi pruvata s-sustanza ta’ dik il-konfessjoni. Pero` anki fejn ikun hemm konfessjoni bil-miktub xejn ma jimpedixxi li tittiehed bhala prova kull konfessjoni ohra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara (Art. 659). Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha w mhix ta’ pregudizzju ghal ebda persuna ohra (Art. 661 Kap.9).

“Issa fil-kaz in ezami gara li l-interrogatorju tal-akkuzat ma giex, kif solitu jsir, traskritt jew dattilografat dak il-hin, pero` gie kollhu kemm hu registrat b’mezzi elettromanjetici. Kien biss wara li umbaghad saret it-traskrizzjoni tal-istess registrazzjoni w din giet esebita

quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-atti tal-Inkjesta dwar il-kaz. Illi dan hu sistema pjuttost gdid ta' kif isiru l-interrogatorji tal-persuni suspettati b'reat u l-Qorti rat x' ligijiet u principji jistghu jkunu ta' gwida ghaliha fid-determinazzjoni tal-oggezzjonijiet sollevati mid-difiza.

"Illi ghalkemm l-artikolu 67 tal-Police Act, Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta, kif emendat, jaghti s-setgha lill-Ministru li jaghmel regolamenti li jipprovdu ghall-Code of Practice ghall-*audio-recording* fuq tape jew ghall-*video-recording* fuq film ta' kwalsiasi *interview* ta' persuna suspettata bil-kommissjoni ta' reat, sal-lum ma jidhirx li gew pubblikati xi regolamenti appropozitu.

"L-istess Att pero` fl-artikolu 66(1)(b) jaghmilha possibbli ghall-Ministru li jaghmel regolamenti biex johrog "Code of Practice" in konnessjoni mall-interrogazzjoni ta' persuni w fis-sub-inciz (2) jirriferi ghall-*Code of Practice for the Interrogation of Arrested Persons* li jinsab fir-Raba' Skeda annessa mall-istess Att. Is-sub-inciz (5) tal-istess artikolu umbaghad jiddisponi li:-

"*"In all criminal and civil proceedings any such Code shall be admissible in evidence, and if any provision of such Code appears to the Court or Tribunal conducting the proceedings to be relevant to any question arising in the proceedings , it shall be taken into account in determining that question."*

"Ghalhekk hu utili li jigu ezaminati uhud mill-provvedimenti li jinsabu fir-Raba' Skeda li umbaghad jelenkaw diversi principji w rakkomandazzjonijiet li ghandhom jigu segwiti mill-ufficjali tal-Pulizija li jkunu qed jikkonducu interrogatorji ta' persuni suspettati. Fost dawn insibu li l-aktar rilevanti ghall-kwistjonijiet in ezami huma s-segwenti :-

"*2. Importance of statements.*

"*"Since the statement of the person subject to questioning is of paramount importance as evidence, it is important that nothing is done during the interview which may, even*

*in the slightest way, throw doubt on the validity of the statement and because of the statement's importance as proof, our courts are strict and meticulous in the criteria they have adopted to ensure that a statement is made in conformity with article 658 of the Criminal Code, that is to say the statement is made 'voluntarily and not extorted by means of threats or intimidation, or of any promise or suggestion of favour'.“*

“*8. Procedure for Drafting of statement.*

“*“As far as possible, the statement* ***should contain the exact words used by the suspected person*** *without using official vocabulary. Where circumstances so indicate, the suspected person shall be allowed to write his own statement and this fact shall be registered in the statement itself.” (emfasi tal-Qorti).*

“*14. Stratagems.*

“*“**The use of a stratagem to lead a person to make a statement is not prohibited** (eg. “we already know everything about the case; your friends have already confessed.”) “ (emfasi tal-Qorti) .*

“Dan l-ahhar paragrafu fuq citat jattalja perfettament ma dak li gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fil-kawza **“Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Casaletto**” [8.11.1988] (Kollez. Vol. LXXII, part 5 , Section I , p.893) , fejn gie ritenut li :-

“*“Skond il-gurisprudenza taghna, dikjarazzjoni, anki jekk ottenuta bi stratagemma hi ammissibbli fil-konfront tal-akkuzat basta li jekk tammonta ghal konfessjoni, ma tkunx giet ottenuta bi stratagemma li tammonta ghal xi wiehed nid-difetti msemmijin fl-artikolu 685.”*

“Umbaghad il-paragrafu 19 tal-istess Raba' Skeda jghid ukoll li :-

“*“The lack of observance of any of the provisions of this Code will not invalidate the statement, unless such non-*

*observance nullifies the voluntariness of the statement. However disciplinary proceedings may be instituted against persons who do not observe the provisions of this Code."*

"Hemm umbaghad partijiet ohra li jirrigwardaw il-*caution*, projbizzjoni ta' swat, l-uzu ta' kliem hazin, ecc. mill-interrogatur. Pero` ma hemm xejn x'jindika x'ghandu jigi inkluz jew ommess minn tali stqarrija.

"Lanqas ma hu ta' xi ghajnuna il-Kapitolu 284 tal-Ligijiet ta' Malta, l-*Electromagnetic Recording of Proceedings Act*, ghaliex dan l-Att jirregola biss registrazzjoni ta' proceduri quddiem Qrati, Bordijiet, Tribunali u Kummissjonijiet ta' Inkjesta w mhux l-interrogatorju ta' persuna suspettata mill-Pulizija.

"Ghalhekk il-Qorti trid tirregola ruha mill-principji generali fuq imsemmija b'mod li fil-waqt li tassikura li ma jigux pregudikati l-interessi w d-drittijiet tal-akkuzat, ikun hemm bilanc bejn dawn u l-interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Dan hu ezercizzju delikat hafna ghaliex certu kliem meta jintqal f'certu kontest jista' ma jkunx oggezzjonabbli , izda meta jintqal minn persuna ohra u f'kuntest differenti, jista' jkun ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-akkuzat. Il-fatt umbaghad li l-interrogatorju jkun sar ghamla ta' domanda w risposta, jirrendi l-ezercizzju aktar komplikat ghax wiehed irid iqis mhux biss dak li jkun intqal mill-persuna li qed tigi interrogata izda wkoll dak li jkun qal, esklama jew staqsa l-interrogatur.

"Illi diga gie affermat li jekk l-istqarrija tal-akkuzat hix wahda volontarjament maghmula jew le hi wahda li tispetta biss lill-gurati u ghalhekk ma tistax tkun mertu ta' decizjoni preliminari f'dan l-istadju tal-process.

"Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tezamina l-oggezzjonijiet sollevati mid-difiza tal-akkuzat taht l-erba' kategoriji fuq gja msemmija.

1. KLIEM HAZIN U DAGHA .

"Riferibbilment ghall-kliem hazin, dagha jew kwazi dagha li jinsab mifrux *passim* tul l-interrogatorju tal-akkuzat u li ma hemmx ghalfejn jigi elenkat f'dis-sentenza, jirrizulta li dan hu l-kliem preciz li qal l-akkuzat u gie hekk registrat bi precizjoni. Skond ir-rakkomandazzjoni fuq imsemmija li tghid li kemm jista' jkun ghandu jitnizzel il-kliem preciz li jkun qal il-persuna li qed jigi nterrogat, dan il-kliem mhux xieraq – ghalkemm ma jzid xejn mas-sustanza ta' dak li qed jintqal – jista' pero` jitfa' dawl utili w rilevanti fuq li *stato d' animo* tal-akkuzat waqt li kien qed jigi interrogat u juri kif kien qed jirrejagixxi ghad-domandi li kienu qed isirulu, jew ghax hass li qed jitpogga taht certa pressjoni mid-domandi li kienu qed isirulu, jew ghax hassu aggravat b'dak li jkun qal fuqu haddiehor ingustament jew ghal kull raguni ohra li jkunu jridu jqiesu w japprezzaw il-gurati. Inoltre, kif ben issottomettiet il-Prosekuzzjoni, dan il-kliem jista' ukoll jirrifletti fuq il-karattru w l-komportament tal-akkuzat u dan hu ndubbjament rilevanti ferm fil-kawza. Jekk l-akkuzat hu abitwat li jitkellem hazin f'certi cirkostanzi, dan hu fatt li hadd ma jista' w ghandu jahrab minnu w jostru mill-gurati, s'intendi bir-rizerva li l-Imhallef li jippresjedi l-guri jkun dejjem jista' jispjega lill-gurati li l-fatt li l-akkuzat tkellem hazin waqt l-interrogatorju, b'ebda mod ma ghandu jittiehed li b'daqshekk jista' jfisser li hu hati tal-kapi taht l-att ta' akkuza.

"Ghalhekk in kwantu l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat tirrigwarda it-tnehhija jew l-isfilz ta' dan il-kliem mhux xieraq, li ntqal minnu waqt l-istqarrija, din qed tigi michuda w respinta.

2. RIFERENZI GHALL-KONDOTTA PRECEDENTI TAL-AKKUZAT.

"Illi dawn ir-riferenzi jinkludu kemm dawk maghmula mill-akkuzat innifsu f'xi risposti li hu ta kif ukoll xi rimarki li ghamlu l-ufficjali investigaturi.

"Illi in kwantu l-eccezzjoni tirrigwarda xi riferenza li l-istess akkuzat ghamel ghall-kondotta precedenti tieghu, wiehed irid jara jekk dak li ntqal, intqalx spontanjament jew bhala

rizultat ta' xi domanda, suggeriment jew stuzzikar tal-ufficjal interrogatur.

"L-ewwel kaz senjalat mid-difiza tal-akkuzat li jaqa' taht dil-kategorija hu dak a fol. 843 tal-process (fol. 4 tat-traskrizzjoni fit-tielet paragrafu minn isfel) fejn l-akkuzat qal testwalment dan il-kliem :-

"*"jien kont ragel , jien taf x' irrid nghid ,* ***ara kemm tghidu x' tghidu Ganni, imma ma hawnx bhalu. Jien fama ghandi Sir.*** *U minn qalbi qed inkellmek. Issa int pingini kif trid."*

"Issa apparti li b'dan il-kliem ma hemm ebda riferenza ghall-kondotta jew fedina penali tal-akkuzat jew xi riferenza ghal xi delitt li seta' kien ikkommetta qabel dan il-kaz, dan il-kliem intqal mill-akkuzat kompletament spontanjament u bl-ebda mod ma gie provokat jew indott minn xi domanda jew suggeriment li ghamlulu l-ufficjali interrogaturi. Dan il-kliem sar fil-bidu tal-introduzzjoni tal-interrogatorju, meta kien qed jigi mistoqsi ghall-indirizz u telephone number tieghu. Jekk l-akkuzat stess hass li ghandu jaghmel din l-introduzzjoni tieghu nnifsu, ma jidhirx li din il-Qorti ghandha ticcensurha w tisfilzha. Il-Qorti lanqas ma tara li l-akkuzat jista' jsofri xi pregudizzju b' dak li qal, anzi qed isostni kemm hu ragel u li ma hawnx bhalu.

"It-tieni kaz hu dak li jinsab fis-seba paragrafu ta' fol. 845 tal-process (pagna 6 tat-traskrizzjoni) fejn l-akkuzat hu rekordjat li qal :-

"*"Smajtu jghid hu. Jekk ma gidibx* ***darba konna l-Qorti*** *qal hu . Forsi gideb mieghi hu. Issa ma nafx."*

"Dan l-akkuzat qalu in risposta ghar-rimarka tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn qal: *"Kemm Ghandi impressjoni li int Ghawdxi. Jafek sewwa Ganni , Istja, E ?"* Dal-kliem il-Kummissarju jidher li kien qed jirrivolgieh lill-Ispettur Antonello Grech, wara li l-akkuzat kien qal li Grech ma kienx Ghawdxi – kif haseb li kien il-Kummissarju – izda Malti. Dak il-hin il-Kummissarju kien

qed jinforma lill-akkuzat min kienu z-zewg ufficjali l-ohra tal-Pulizija prezenti. Issa hawn johorgu zewg affarijiet, l-ewwel l-allegazzjoni tal-Kummissarju li l-akkuzat jaf sew lill-Ispettur Grech u it-tieni li Grech u l-akkuzat kienu ltaqghu l-Qorti. Dan jista' b'xi mod jinduci lill-gurati jifhmu li l-akkuzat kien maghruf mall-Pulizija w li kellu xi kawzi maghhom il-Qorti u b'hekk jigi aggirat dak li jipprovdu l-artikolu 459A u 489 tal-Kodici Kriminali kif interpretat fil-gurisprudenza nostrana (ara **"Ir-Repubblika ta'Malta vs. Salvatore sive Salvu Gauci"**, App.Krim.[8.7.2004] u ohrajn). Peress li dan l-incident ma jnaqqas u jzid xejn mill-istqarrija, imma jista' jservi biss biex jinholoq il-perikolu hawn fuq appena indikat, il-Qorti thoss li jkun aktar prudenti li l-parti tat-traskrizzjoni li tibda : *"Jafek sew Ganni"* u tispicca *"…..Issa ma nafx."* ghandha tithalla barra minn xi *playback* tar-*recording* tal-interrogatorju w mill-qari tat-traskrizzjoni taghha quddiem il-Qorti w mill-kopja tat-traskrizzjoni li tista' eventwalment tinghata lill-gurati.

"Kaz iehor hu dak li hemm *in calce* ta' fol. 1017 tal-process (pagna 80 tat-traskrizzjoni) u jkompli fil-pagni sussegwenti san-nofs fol. 1019 (pagna 82 tat-traskrizzjoni). Hawn qamet diskussjoni animata bejn l-akkuzat u l-interrogaturi dwar il-fama li kellu l-akkuzat f'Ghawdex u jissemma' mil-interrogaturi li l-akkuzat bena fama f' Ghawdex bl-attitudini tieghu, li ha *"name*" u li Ganni Muha Ghawdex hu terrur u ara jkollok xi tghid mieghu.

"Issa dan l-incident din id-darba twieled mill-kumment tal-Kummissarju: *"Hawn min jghid , .. hawn min jghid Gann, ha nghidlek wahda jiena, dan hu ma tantx hu maghruf, gewwa Ghawdex, .."* u r-risposta tal-akkuzat: *"Ghax il-fama fuq Ganni qeghda."* L-interrogaturi komplew jinsistu fuq il-fama hazina li kellu l-akkuzat u l-akkuzat jirrejagixxi. Fil-fehma tal-Qorti, dan ma kellux isir u zgur li ma ghandux jingieb a konjizzjoni tal-gurati ghaliex jista' jinfluwenzhom hazin kontra l-akkuzat. Hawn ma kienx il-kaz li l-akkuzat kien qed jigi rinfaccjat b'xi fatt li jikkoncerna l-kaz taht investigazzjoni – haga li l-Pulizija kien ikollha dritt shih li taghmel – imma kienet qed issir

insistenza ripetuta fuq il-fatt li l-akkuzat kellu karattru perikoluz u li kellu fama kerha b’konnessjoni ma kazijiet ohra u mhux necessarjament b’konnessjoni mall-kaz li kien qed jigi investigat. Dan l-incident seta’ jippregudika lill-gurati kontra l-akkuzat u peress li ma jzid xejn importanti mall-istqarrija, zgur li jkun aktar prudenti li ma jingiebx a konjizzjoni tal-gurati. Ghalhekk il-Qorti tiddisponi minn din l-oggezzjoni billi tordna li ghandha tithalla barra minn xi *playback* tar-*recording* tal-interrogatorju w mill-qari tat-traskrizzjoni taghha quddiem il-Qorti w mill-kopja tat-traskrizzjoni li tista’ eventwalment tinghata lill-gurati dik il-parti li tibda bil-kliem: *“Kummissarju John Rizzo : Hawn min jghid…”* ( linja 27 fol. 1017 ) sal-kliem *“…f’ daqqa, bumm”* fil- linja 17 ta’ fol. 1019 tal-process , kollox inkluz u xejn eskluz.

“Kaz iehor fejn id-difiza tghid li gie attakkat il-karattru tal-akkuzat hu dak a fol. 1037 linja 10 u 11 (fol. 6 tat-traskrizzjoni ta’ tape 3 side A) . Hawn il-Kummissarju jghid : “*Fikom kompetizzjoni, ha nghiedilkom. Ghid.”* Din il-Qorti rat il-kuntest li fih intqal dan il-kliem u ma tara xejn oggezzjonabbli fih u hu kumment legittimu biex jelicita rejazzjoni tal-akkuzat . Ghalhekk din l-oggezzjoni ghal dan il-kliem qed tigi respinta.

“L-ahhar kaz li jista’ jaqa’ taht din it-tieni kategorija ta’ oggezzjonijiet hu dak senjalat mid-difiza a fol. 1069, linja 29 u 30 (pagna 38 tat-traskrizzjoni). Hawn l-akkuzat qed jghid li hu mhux ser jitwemmen ghax ghandu fama li hu mhawwad u mignun ta’ Muha. Id-difiza targumenta li l-akkuzat hawn semma l-fama tieghu bhala rejazzjoni w b’risposta ghall-kummenti ta’ l-investigaturi li jmorru kontra l-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Dan pero` ma jirrizultax meta wiehed jara dak li ppreceda din id-dikjarazzjoni tal-akkuzat. Din l-istqarrija giet wara serje ta’ domandi legittimi tal-Kummissarju tal-Pulizija w bl-ebda mod ma jista’ jintqal li giet provokata minn xi domanda jew stuzzikar tal-prosekuzzjoni. Jekk l-akkuzat hass li *sua sponte* jerga’ jdahhal fin-nofs il-kwistjoni tal-fama tieghu, u anzi qed isostni li hu mhux qed jitwemmen imhabba din il-fama, jidher li dan hu fattur li ghandu jitqies – anki possibilment u eventwalment mil-lat pozittiv favur tieghu –

mill-gurati w ma hemmx raguni ghala din il-parti tal-istqarrija tinzamm milli tingieb a konjizzjoni tal-gurati, specjalment in vista tal-konkluzzjoni gja fuq raggunta fir-rigward tal-ewwel oggezzjoni taht dil-kategorija, fejn hu stess, ukoll bla ma kien inducieh hadd, semma l-fama tieghu.

3. KUMMENTI W RIMARKI DWAR X' QAL HADDIEHOR U LI SKOND ID-DIFIZA HUMA BAZATI FUQ "HEARSAY".

"Illi fil-kors tal-interrogatorju tal-akkuzat, l-ufficjali interrogaturi ripetutament ikkonfrontaw lill-akkuzat b'dak li allegatament kien qalilhom haddiehor u partikolarment b'dak li kienu qalu t-tlitt persuni l-ohra li jistghu jkunu involuti fil-kaz. L-oggezzjoni tad-difiza li dan jingieb a konjizzjoni tal-gurati hija principalment ghaliex dawn il-persuni mhux ser jixhdu w lanqas jistghu jixhdu, fil-kaz ta' Giuseppe Farrugia, detto l-"Haxxiex", ghaliex dan kien ko-akkuzat bl-istess reat u issa miet qabel ma giet deciza l-kawza tieghu w t-tnejn l-ohra ghax baqghu ma xehdux fil-kumpilazzjoni.

"Issa fl-ewwel lok jigi osservat li r-regola li tiggverna l-uzu tal-"hearsay evidence" fil-process kriminali hija dik taht l-artikoli 598 u 599 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-artikolu 645 tal-Kap. 9. Illi hu ovvju li dak li persuna tkun saret taf minnghand haddiehor, bhala regola, ma jitqiesx mill-Qorti **fi proceduri quddiem il-Qorti. Pero`** dir-regola procedurali bl-ebda mod ma torbot idejn l-investigatur fil-kors tal-interrogazzjoni ta' persuna suspettata. Ergo dak li ntqal mill-ufficjali investigaturi lill-akkuzat fid-domandi taghhom bl-iskop li jelicitaw minnghandu xi konnfessjoni jew ammissjoni dwar xi fatti u dettalji tal-kaz bl-ebda mod ma jmur kontra dir-regola ghax din mhux applikabbli fl-istadju investigattiv. Jekk il-Pulizija ghandha d-dritt tuza stratagemma billi sahansitra tibbluffja li jkollha informazzjoni li mhux necessarjament ikollha dwar il-kaz, *multo magis* tista' tuza w tikkonfronta lill-persuna suspettata b'dak li jkun qal xi hadd li jista' jkun ko-awtur, komplici jew persuna nvoluta fil-kommissjoni tar-reat.

Ghalhekk zgur li mhux il-kaz li dawk ir-rimarki jew kummenti tal-ufficjali investigaturi jigu sfilzati ghax bazati fuq *hearsay*.

“Id-difiza pero` tobbjetta wkoll li dawn ir-riferenzi jisgthu jinfluwenzaw lill-gurati avversament kontra l-akkuzat. Il-Qorti tifhem u tapprezza l-prejokkupazzjoni tad-difiza f’dar-rigward, pero` thoss li r-rimedju mhux l-isfilz tad-domanda li tkun tirriferi ghal dak li qal haddiehor b’mod li ggib ir-risposta fl-ajru w ma taghmilx sens, imma filli l-imhallef togat li jkun qed jippresjedi l-guri jispjega car u tond, b’insistenza u emfasi w ripetutament kull darba li jkun hemm riferenza simili li d-domanda mhux prova u li l-fatt li l-interrogatur ikun allega li xi hadd qal xi haga ma jfissirx li dak necessarjament kien veru ghax seta’ kien qed jibbluffja jew qed juza stratagemma. L-Imhallef togat irid jispjega sew u kull darba li jqum il-kaz li l-gurati jistghu jqiesu biss bhala prova r-risposta tal-persuna nterrogata, f’dal kaz tal-akkuzat. Twissijiet simili jsiru regolarment tul kull guri mill-Imhallef togat u jekk wiehed ghandu fiducja fis-sistema tal-guri w li l-gurati huma persuni ta’ intelligenza normali, ma hemmx ghaliex wiehed ghandu jiddubita li dawn it-twissijiet tal-Imhallef ma jigux notati w osservati mill-gurati.

“Ghalhekk l-oggezzjonijiet kollha tad-difiza bazati fuq dan il-fattur tal-“hearsay evidence” u li qed jigu hawn taht elenkati qed jigu respinti. Dawn huma ir-riferenzi kontenuti f’ :- Fol. 847, linja 1 – 27; fol. 848, linja 3-6; fol. 849, linja 5-6 u 10-14; fol. 850, linja 3-8, 11-14 u 18-20; fol. 868, linja 13-15 u 17-19; fol. 871, linja 12-16; fol. 894, linja 19-21; fol. 902, linja 5-6; fol. 905, linja 24-25 u 29-30; fol. 905, linja 11-13 u 15; fol. 909, linja 1-2, 4-5 u 8-9; fol. 910 linja 4; fol. 974, linja 10; fol. 988, linja 26-28; fol. 994, linja 21-22 u 24-31; fol. 1007, linja 1 u 2; fol. 1008, linjja 29 u 30; fol. 1016, linji 25 u 26 ; fol. 1021, linja 5-8 u 12-15; fol. 1022, linji 21-13 u 26; fol. 1023, linja 15-16 u 32-34 , fol. 1024, linja 2-3 ; fol. 1033, linja 2-3; fol. 1038, linja 27; fol. 1039, linja 24-25; fol. 1044, linja 26-35; fol.1049, linja 4-7; fol. 1050, linja 3-4, 11-12; fol. 1051, linja 6 u 10-12 ; fol. 1053, linja 30-35; fol. 1054, linja 5-6, 11, 14 u 16-20; fol.

1063, linja 1-9 u 27-34; fol. 1065, linja 10-22; u fol. 1068 linja 4-13.

“Hemm ukoll xi riferenzi simili, li mid-dehra sfuggew ukoll lid-difiza w li ma hemmx ghalfejn jigu hawn elenkati, li, ghall-istess raguni, din il-Qorti thoss li ma ghandhomx jigu censurati jew sfilzati.

4.KUMMENTI, RIMARKI JEW ALLEGAZZJONIJIET TAL-UFFICJALI INVESTIGATURI LI JIKKOSTITWIXXU BISS OPINJONIJIET JEW GHAX IMORRU KONTRA L-PREZUNZJONI TAL-INNOCENZA TAL-AKKUZAT.

“Illi huwa minnu li, bhala fatt, waqt l-interrogatorju tal-akkuzat, hafna interventi tal-interrogatur principali, l-Kummissarju John Rizzo u xi kulltant ukoll tas-Supratendent Pierre Calleja w l-Ispettur Antonello Grech hadu l-forma ta’ “statement” u mhux ta’ domanda. Hu minnu ukoll li fost dawn l-statements kien hemm xi rimarki intizi biex igieghlu lill-akkuzat jifhem li ma kienx qed jitwemmen f’dak li kien qed jghid jew inkella intizi biex jistuzzikaw lill-akkuzat halli jirrejagixxi ghal dak li kien qed jinghid lilu.

“Illi meta giet biex tezamina w tiddeciedi dwar dawn l-ahhar tip ta’ oggezzjonijiet din il-Qorti imxiet fuq il-“guidelines” segwenti:-

“Illi fl-ewwel lok wiehed irid kemm hu possibbli jirriproduci ezatt il-kliem li jkun intqal kemm mill-interrogatur kif ukoll mill-persuna suspettata u ghalhekk kull censura trid issir b’ghaqal u cirkospezzjoni u biss fejn hu assolutament mehtieg .

“Illi umbaghad wiehed hawn irid jiddistingwi bejn il-metodu li bih jigi regolat is-smiegh tax-xhieda fil-process quddiem il-Qorti, fejn hemm regoli cari li jghidu kif irid isir l-ezami, l-kontro-ezami w f’xi kazijiet ir-ri-ezami ta’ xhud, u l-mod kif jigi kondott l-interrogatorju ta’ persuna suspettata mill-pulizija. Id-domandi tal-interrogatur lill-persuna suspettata b’reat mhumiex governati bl-istess regoli. Hekk fil-waqt li

quddiem Qorti normalment l-avukat tal-parti jew ohra hu marbut li jaghmel biss domandi lix-xhud, li fil-kaz tal-kontroezami biss jistghu jkunu diretti jew suggestivi, fil-kaz tal-interrogatorju dan ovvjament ma japplikax. L-interrogatur legittimament jista' juza diversi metodi kif jelicita dak li jahseb li tkun il-verita` mill-persuna li tkun qed tigi nterrogata. Gja intqal li hi permessa l-istratagemma fejn l-interrogatur addirittura jaghti x'jifhem lill-persuna suspettata li hu jkun diga' jaf hafna aktar dwar il-kaz, forsi ukoll aktar milli fil-fatt ikun jaf u dan hu permess mill-ligi u anki mill-gurisprudenza. L-istess l-interrogatur, ghad-distinzjoni mill-avukat li jkun qed jezamina xhud, mhux prekluz milli juri lil-persuna suspettata li mhux qed jemmen jew jaccetta kull ma dik il-persuna qed tghidlu, mentri l-avukat jista' jhalli dan jittrapela biss min-natura tad-**domand**i li jkun qed jaghmel u forsi mit-ton li jkun qed jaghmilhom.

“Umbaghad il-principju importantissimu tal-prezunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat li tant invokat id-difiza fin-nota taghha jirregola il-process kriminali w mhux ukoll l-atteggjament li ghandu jiehu l-ufficjal investigatur fil-konfront tal-persuna suspettata bil-kommissjoni ta' reat. L-ufficjal investigatur li, ghal raguni jew ohra, jigih is-suspett dwar persuna, ghandu l-ghan li jikkonferma s-suspett tieghu u li johrog dak li jahseb li tista' tkun il-verita` minnghand dik il-persuna suspettata w, possibilment, dan irid iwasslu biex isolvi l-kaz billi jottjeni ammissjoni mill-persuna suspettata. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, d-difiza ma tistax tinvoka dan il-principju wkoll fl-istadju tal-interrogatorju tal-persuna suspettata.

“Invece dan il-principju sagrosant irid jigi osservat bla rizervi fil-kors tal-process kriminali quddiem il-Qorti. X'aktarx li hu f' dan is-sens li d-difiza qed tinvoka dan il-principju sagrosant. Issa, kif gja ntqal, huma l-gurati li jridu jiggudikaw il-provi, w d-domandi jew kummenti tal-interrogatur mhumiex prova. Mill-banda l-ohra ma hux possibbli f'hafna kazijiet li wiehed jiccensura d-domanda jew kumment u jhalli r-risposta fl-ajru minghajr irbit ma dak li jkun intqal qabel. Ghalhekk, dejjem ser jibqa' d-dover impenjattiv tal-Imhallef togat li f'kazijiet bhal dawn

kostantement u regolarment iwissi lill-gurati li d-domanda jew kumment mhux prova w li huma jridu jqisu r-risposta tal-persuna interrogata li f'dak l-istadju tkun il-persuna akkuzata.

"Mill-banda l-ohra pero`, fejn il-kumment ikun superfluwu w ma jikkontribwixxi xejn ghas-sustanza tal-interrogatorju w jista' jservi biss biex jitfa' xi dawl hazin fuq il-kondotta precedenti jew il-karattru tal-akkuzat, bla ebda rabta stretta mar-reat li bih ikun qed jigi akkuzat, allura jkun il-kaz li tali kumment ma jingiebx a konjizzjoni tal-gurati biex ma jinfluwenzhomx indebitament kontra l-akkuzat .

"Irid ghalhekk jinstab bilanc delikat ferm bejn l-interess suprem tal-akkuzat li jgawdi l-prezunzjoni tal-innocenza fil-process u l-interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja billi jigi muri kif wiegeb l-akkuzat fil-kors tal-interrogatorju tieghu biex b'hekk, min ser jiggudika dwar il-fatt, ikun f'pozizzjoni ahjar biex jiddetermina jekk dak li jkun qal l-akkuzat qalux volontarjament u minghajr ma kien indott biex jghidu b'xi wiehed mill-elementi vizzjanti fuq imsemmija.

"Il-Qorti, gwidata minn dawn il-principji enuncjati fl-ahhar sitt paragrafi, ghalhekk ghamlet ezami akkurat tas-siltiet kollha oggezzjonabbli ghad-difiza f'dar-rigward u waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet:-

"Fol. 879 (p.40 tat-traskrizzjoni) linji 11 u 12 "Ghax inti …tghid hekk." Dan il-kumment tal-interrogatur li bih qed jghid lill-akkuzat li kien ikkontradica ruhu huwa lecitu umbaghad sta ghall-gurati jekk jaqblux mieghu. L-akkuzat kien pront cahad din l-allegazzjoni pero`, u dan jista' jkun importanti ghad-difiza tieghu, u ghalhekk mhux il-kaz li jigi sfilzat il-kumment w r-risposta ghall-istess kumment.

"Fol. 903 (p.64 tat-traskrizzjoni) linji 23 sa 27. Hawn il-Kummissarju qed jghid lill-akkuzat li hu jemmen dak li kien qal Giuseppe Farrugia "il-Haxxiex" dwar il-kaz. Il-Qorti wara li qieset ir-risposti tal-akkuzat ghal din is-serje ta' kummenti li ovvjament jikkostitwixxu biss opinjoni w li minnhom jidher li ma hareg xejn rilevanti minnhom, thoss

li jkun aktar prudenti li dak li hemm f'dawn il-linji jigi mnehhi mit-traskrizzjoni li tista' tinghata lill-gurati w mill-playback tat-tape recording li jista' jinstema' fil-guri.

"Fol.910 (p.71 tat-traskrizzjoni) linji 11 sa 15. Hawn il-Kummissarju w s-Supratendent Calleja qed jghidu lill-akkuzat li f'certi dettalji kien qed jaqbel ma dak li allegatament qalu persuni ohra nvoluti. Il-Qorti tqis li dan l-ezercizzju kien parti mill-konfrontar tal-akkuzat b'dak li allegatament kien qal haddiehor dwar il-kaz. Hekk kif il-Qorti gja ddecidiet li hu lecitu li persuna suspettata tigi konfrontata b'dak li jkun qal haddiehor dwar il-kaz, anki jekk dan ikun differenti minn dak li tkun qed issostni l-persuna suspettata, hekk ukoll hu lecitu li jintqal lil dik il-persuna fejn tkun qed taqbel ma' dak li allegatament kien qal haddiehor, anki jekk dan isir fi sforz biex tigi elicitata aktar informazzjoni mill-persuna suspettata. Sta umbaghad ghall-gurati li jevalwaw ir-risposta tal-akkuzat ghal dan l-intervent tal-interrogaturi, dejjem bil-kawteli soliti li taghmlilhom il-Qorti, kif fuq intqal.

"Illi l-oggezzjonijiet ghas-siltiet kollha rilevati mid-difiza fin-nota taghha li jirrigwardaw il-fol. 976 , 977, 978 u 981 mhumiex fondati ghax l-interrogaturi ghandhom kull jedd li juru lill-persuna suspettata li mhux qed jemmnuha jew li tkun inkonsistenti, s'intendi dan dejjem soggett ghall-kawteli li jaghmel l-Imhallef togat lill-gurati kif fuq intqal, li dan ma jistax jittiehed bhala prova u li m'ghandux jinfluwenzhom, ghaliex huma jridu jiggudikaw ghandux jitwemmen l-akkuzat u mhux l-investigatur.

"Il-kumment li jinsab a fol. 991 linja 1 sa 2, "Kummissarju John Rizzo : *ghadek ma ndimtx int. Ghadek ma indimtx habib"* ghandu pero` jithalla barra billi jista' jitfa' dawl ikrah fuq il-karattru jew kondotta precedenti tal-akkuzat u ma jzid xejn ma' l-interrogazzjoni.

"Il-kummenti fl-istess fol. 991 mil-linja 27 sa 31 dwar l-innocenza tal-akkuzat ikun ahjar li jithallew barra ghax ma jzidu xejn mall-interrogatorju w jistghu biss jinfluwenzaw avversament lill-gurati.

“L-oggezzjoni ghas-silta li tinsab f’linji 24 sa 31 ta’ fol. 994 hija infondata ghall-istess ragunijiet gja fuq imsemmija.

“L-oggezzjoni ghas-silta li tinsab fil-linji 13 u 14 ta’ fol. 1001 fid-dawl ta’ dak li gja intqal fuq hija infondata.

“L-oggezzjonijiet ghas-siltiet li jinsabu fil-linji 13 u 14 u 17 u 18 ta’ fol. 1007 u linji 30 u 31 ta’ fol. 1011 huma infondati ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

“Il-kummenti li jinsabu a fol. 1013 fil-linji 8 , 11, 24, 25, 27 , 28 , 30 u 31  u a fol. 1014 f’linji 2 , 3, u 5, fil-fehma ta’ din il-Qorti ma kellhomx isiru u biex ma jigux influwenzati bla bzonn il-gurati, ghandhom jithallew barra minn kull kopja ta’ traskrizzjoni tal-interrogatorju jew playback tal-audio recording li jista’ jingieb a konjizzjoni tal-gurati.

“L-oggezzjoni ghas-silta li tinsab a fol. 1017 linja 19 sa 20 hija infondata ghax il-kumment kien lecitu waqt l-interrogatorju biex jelicita r-rejazzjoni tal-akkuzat.

“L-oggezzjoni ghas-silta li tinsab a fol. 1037 linja 10 u 11 mhux fondata ghar-ragunijiet fuq indikati.

“L-oggezzjoni ghas-silta li hemm minn linja 20 sa linja 27 ta’ fol. 1043 tirrigwarda l-kummenti tal-interrogaturi li l-akkuzat mill-bidu nett kien is-suspett numru wiehed. Dawn il-kummenti li ma jzidu xejn mall-interrogatorju hlief li jservu biex jitfghu dawl ikrah fuq l-akkuzat, flimkien maz-zewg risposti li ta ghalihom l-akkuzat, li ukoll ma jzidu xejn utili mall-interrogatorju ghandhom, fil-fehma tal-Qorti, jithallew barra.

“Mhux l-istess l-oggezzjoni ghas-silta li tinsab a fol. 1044 linja 1 u 2, ghax dan qed jirrelata fatt biex ipoggi l-interrogatorju fil-perspettiva ta’ zmien tieghu. Ghalhekk din l-oggezzjoni hija infondata.

“L-oggezzjoni ghall-espressjoni “skond int” f’linja 8 ta’ fol. 1045 hija ukoll infondata ghax hawn l-interrogatur qed jghid biss li din hija l-versjoni li kien ta l-akkuzat meta kien gie interrogat l-ewwel darba.

“L-oggezzjonijiet ghas-siltiet kontenuti f’linja 6 u 10 sa 12 ta’ fol. 1051 jidhru ukoll ben fondati ghax din hija linja ta’ interrogazzjoni konsistenti f’kummenti bazati biss fuq dwar x’suppost kienet thoss il-mejta, fil-konfront tal-akkuzat. Peress li ghal dawn il-kummenti r-risposti kienu ukoll bla ebda importanza, hu opportun li jithallew barra kemm il-kummenti b’opinjoni w r-risposti ghalihom u ghalhekk ghandu jithalla barra kul ma hemm bejn linja 6 sa linja 13 ta’ fol. 1051.

“L-oggezzjonijiet ghas-siltiet li hemm f’linji 7, 11 u 20 sa 26 ta’ Fol. 1053 jidhru ukoll ben fondati ghall-istess raguni moghtija fil-paragrafu precedenti ghal dan . Ghalhekk hu l-kaz li dis-serje ta’ domandi u risposti li jibdew minn linja 7 sa “allright ?” f’linja 20, bl-eccezzjoni tal-frazi “Kummissarju John Rizzo” f’ linja 7 ghandhom jithallew barra.

“L-oggezzjoni ghall-kummenti tal-Kummissarju Rizzo u tas-Supratendent Calleja kontenenti opinjonijiet dwar min mill-persuni involuti kellu jigi eliminat milli kien il-mohh wara l-allegat reat, trattandosi ta’ semplici opinjonijiet avversi kontra l-akkuzat, tidher ben fondata w ghalhekk ghandu jithalla barra kull ma hemm bejn il-linji 31 sa 35 ta’ fol. 1055.

“Mhux l-istess pero` l-oggezzjoni ghas-siltiet kontenuti f’linji 19 sa 29  ta’ fol. 1056 u linji 1 sa 9,  linji 28 sa 35 ta’ fol. 1057 , linji 1 sa 22 u linji 30 sa 31 ta’ fol. 1058, linji 4 sa 12 (inkluz linja 9) ta’ fol. 1059, ghaliex hawn non si tratta ta’ kummenti imma dawn huma asserzjonijiet biex jelicitaw risposta mill-akkuzat dwar min ippjana jew fassal l-allegat reat u ghalkemm jinsabu taht forma ta’ statement huma pjuttost suggeriment ta’ kif graw il-fatti biex umbaghad l-akkuzat jirrejagixxi ghalihom. L-interrogatur ghandu kull dritt juza din it-tattika w umbaghad sta ghall-gurati li jevalwaw ir-risposta u/jew rejazzjoni tal-akkuzat, dejjem bis-soliti kawteli w avvertimenti tal-Imhallef togat li mhux id-domanda jew is-suggeriment jikkostitwixxu prova imma r-risposta. Ghalhekk din l-oggezzjoni hija infondata.

"L-oggezzjoni ghad-domandi li hemm f' fol. 1062 f' linji 6 sa 9 u 15 sa 16 tidher fondata ghaliex hawn il-Kummissarju jidher qed jaccenna ghall-fama li jgawdi Ganni l-Muha l-akkuzat. Anki jekk dan ma jintqalx espressament, jista' jigi facilment inferit u peress li din il-fama tirriferi ghall-kondotta antecedenti ghall-allegat reat, hu l-kaz kif gja gie deciz aktar il fuq, li jithallew barra . Ghalhekk ghandhom jithallew barra linji 6 sa 9 minn "*Issa haga ohra taf*" sa "*Fuq Ganni l-Muha*" u linji 15 u 16 minn "*Ghax kieku*" sa "*Il-Muha*".

"L-oggezzjonijiet ghas-siltiet li jinsabu fl-istess fol. 1062 linji 18, 19 , 21, 22 sa 32 u a fol. 1063 linji 1 sa 9 kollha jikkoncernaw skambju ta' rimarki w risposti dwar il-versjonijiet kontrastanti moghtija mill-akkuzat u allegatament minn "Benny" fejn it-tnejn jallegaw reciprokament li wiehed beza' mill-iehor biex sar dak li sar. Hawn il-Kummissarju w s-Supratendent Calleja qed jikkonfrontaw lill-akkuzat b' dan il-kuntrast biex ovvjament jiksbu xi rejazzjoni da parti tal-istess akkuzat. Issemma ukoll li "Din bhal tal-Bino" (recte BEANO; ossia comic tat-tfal li kien johrog bosta snin ilu.) Il-Qorti thoss li l-investigaturi kellhom kull dritt li jissenjalaw dal-kuntrast lill-akkuzat u jelicitaw rejazzjoni anki billi jghidu li ghalihom dal-kuntrast kien speci komiku jew redikolu. S'intendi dawn ir-rimarki mhux prova w l-Imhallef togat ikun irid dejjem iwissi lill-gurati fis-sens fuq spjegat dwar dan, imma il-linja tal-interrogatorju tidher valida w mhux il-kaz li tigi censurata ghall-gurati.

"L-oggezzjoni ghall-linji 13 sa 19 ta' fol. 1064 ma tidhirx gustifikata ghax hawn ukoll l-investigatur qed jiprova jelicita rejazzjoni mill-persuna susspettata . L-importanti huma r-risposti li ta l-akkuzat ghal dawn ir-rimarki w jidher fl-interess tal-istess akkuzat li dawn id-domandi w risposti jibqghu accessibbli ghall-gurati.

"L-oggezzjoni ghas-serje ta' kummenti li saru mit-tlitt ufficjali interrogaturi mill-linja 20 sa 31 (recte 21 sa 32) ta' fol. 1064 u li ghalihom l-akkuzat ma wiegibx hlief "X'hiex?" tidher invece altru milli gustifikata billi dawn l-opinjonijiet soggettivi ma humiex ifformulati bhala domanda imma

huma biss dikjarazzjonijiet dwar valuri morali li ma jikkontribwixxu xejn ghall-interrogatorju w jistghu iservu biss biex jinfluwenzaw lill-gurati kontra l-akkuzat. Ghalhekk hu l-kaz li jithallew barra minn kull kopja tat-traskrizzjoni li eventwalment tista' tinghata lill-gurati u minn kull playback tat-tape recording kull ma hemm fil-linji 21 sa 32 ta' fol. 1064 u l-ewwel linja ta' fol. 1065.

"L-oggezzjoni ghas-silta kontenuta fil-linji 8 u 9 ta' fol. 1066 mhux gustifikata ghar-raguni li l-interrogatur kellu kull dritt jikkonfronta lill-akkuzat b' dak li kien qed isostni haddiehor .

"Il-kumment tas-Supratendent Calleja fil-linja 15 u 16 ta' fol. 1066 ghandu invece jigi censurat ghax apparti li ma jikkontribwixxi xejn ghall-interrogatorju hu intiz biss biex jitfa' dawl ikrah fuq il-karattru tal-akkuzat minhabba li jidghi, haga li m'ghandux akkuza dwarha. Ghalhekk il-kliem minn "Supratendent Pierre Calleja" sa *"gej il-qassis."* ghandhom jitnehhew.

"Il-kumment tal-Kummissarju f'linja 17 sa 19 tal-istess fol. 1066 ukoll jidher li hu superfluwu w mhux intiz biex jelicita risposta imma biss biex jitfa dawl ikrah fuq il-karattru tal-akkuzat u ghalhekk flimkien mar-risposta tal-akkuzat (linja 20) li hija biss domanda *"kif karattri*?", ghandhom jitnehhew.

"Illi l-oggezzjoni ghas-silta li hemm ukoll a fol.1066 minn linja 26 sa 32 tirriferi ghall-intervent tal-Kummissarju Rizzo wara li l-akkuzat esklama li l-ohrajn kienu, fi kliemu, "wahhluhuli". Il-Kummissarju rrimarka ghal darba, darbtejn li l-akkuzat kien beda jghid il-hrejjef u minnflok "wahhluhuli" kien imissu jghid "mea culpa" u li kienet htija tieghu. Hawnhekk mhux kaz fejn l-interrogatur qed jaghmel statement jew domanda biex jelicita rejazzjoni jew risposta imma addirittura kaz fejn l-interrogatur qed jirrejagixxi hu ghall-protestazzjonijiet ta' innocenza tal-akkuzat. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-intervent ma jista' jwassal imkien hlief biex jinfluwenza lill-gurati kontra l-akkuzat u ghalhekk dawn il-kummenti u r-rejazzjoni tal-akkuzat ghalihom ghandhom jithallew barra.

"L-oggezzjoni ghall-kumment li jinsab a fol. 1069 linja 4 "*E , jiena naf x' ha tivvinta?,"* meta wiehed iqis il-kuntest li fih intqal f'dak l-istadju tal-interrogatorju, u konsidrat li dan il-kumment ma jzid xejn fl-interrogatorju izda jindika biss l-inkredulita` tal-Kummissarju ghal dak li kien ser jibda jghid l-akkuzat jidher li hija gustifikata u ghalhekk dan il-vers ghandu ukoll jithalla barra, ghax jista' jservi biss biex jinfluwenza lill-gurati avversament kontra l-akkuzat u xejn aktar.

************

"Illi ghalkemm ma jidhirx li giet verbalizzata xi oggezzjoni mid-difiza waqt l-udjenza w ma saritx riferenza ghal dawn is-siltiet li gejjin fin-nota tad-difiza, l-Qorti thoss, li bl-istess kriterji li gew segwiti aktar il-fuq f'din is-sentenza, ikun sew li jithallew barra wkoll is-segwenti brani mit-traskrizzjoni tal-interrogatorju li jistghu eventwalment jinghataw lill-gurati jew mill-playback li jista' jinstema' waqt il-guri . Dawn huma s-segwenti :-

"Fol. 914. (p. 75 tat-traskrizzjon) linji 10 sa 15: billi dawn jimpingu negattivament fuq ir-reputazzjioni tal-akkuzat w jimplikaw li hu kien iwerwer in-nies inkluz persuna ohra involuta fil-kaz.

"Fol. 918 (p. 79 tat-traskrizzjoni) linji 21 sa 25: hawn l-interrogatrur jinsisti li l-akkuzat iqerr ghand qassis li kien dispost igiblu. Dan ma jikkontribwixxi xejn ghall-interrogatorju w jista' biss jitfa' dawl hazin fuq il-karattru anki precedenti tal-akkuzat u ghalhekk ghandu jithalla barra.

"Fol. 919 (p. 80 tat-traskrizzjoni) linji 28 u 29: Hawn ukoll l-interrogatur jerga' jghid li ser igib il-"father" u ghall-istess raguni imsemmija fil-paragrafu precedenti il-kliem "*U ingibhulek veru l-father, ghax issa."* ghandu ukoll jithalla barra.

"Fol. 958 (p. 21 tat-traskrizzjoni Vol. IX) linji 11 sa 13: Hawn il-Kummissarju jghid: "*Ghax jiena smajt li kullhadd*

*jiddejjaq minnek Ghawdex."* U l-akkuzat wiegeb: *"Mhux hekk ?"* Dan il-kumment ovvjament jitfa' dawl ikrah fuq il-karattru precedenti tal-akkuzat bla ebda rabta mall-kaz odjern. Ir-risposta tipikament Ghawdxija "Mhux hekk" tal-akkuzat ma zzid xejn mall-interrogatorju u ghalhekk hu l-kaz li kemm il-kumment kif ukoll ir-rejazzjoni tal-akkuzat ghaliha ghandha tithalla barra.

"Fol. 959 (p.22 Vol. IX) linji 1 sa 7: hawn l-akkuzat, stuzzikat mill-linja ta' domandi u kummenti appena imsemmija fil-paragrafu precedenti, jsemmi li hu kien bidel hajtu hafna u ma jridx "*trouble ta' Qorti , kwistjonijiet*" u "*habs*". Ghal ragunijiet ovvji dawn il-linji ghandhom ukoll jithallew barra.

"Fol. 963 (p. 26 tat-traskrizzjoni Vol. IX) linji 9 u 10: hawn il-Kummissarju Rizzo jghid : *"ha ngibu konfessur, u tqerr qrara, ghax ghandek bzonn tqerr qrara inti."* Dan il-kumment ghall-istess ragunijiet ghandu jithalla barra minn kull kopja tat-traskrizzjoni li tinghata lill-gurati jew minn kull playback tar-recording "audio"

*********

KONKLUZZJONI W RI-EPILOGU.

"Ghal dawn il-motivi din il-Qorti fil-waqt li tasteni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni preliminari tal-akkuzat stante li giet minnu irtirata, tilqa' l-ewwel eccezzjoni tieghu limitatament kif fuq intqal billi tordna li mit-traskrizzjonijiet tal-interrogatorju tal-akkuzat u mill-playback tar-recording audio li sar tal-istess interrogatorju ma jingiebux a konjizzjoni tal-gurati waqt il-guri l-partijiet segwenti w cioe`:-

Fol. 845 linji 7 sa 9 minn *"Jafek sew Ganni*" sa *"Issa ma nafx*."
Fol. 903 linji 23 sa 27 minn "Kummissarju John Rizzo" sa *"..tort li nemmnu*."
Fol. 914 linji 10 sa 15 minn "Kummissarju John Rizzo" sa *"Jitwerwer minn.."*

Fol. 918 linji 21 sa 25 minn "Kummissarju John Rizzo" sa *"ikellmek ukoll"*
Fol. 919 linji 28 u 29 minn *"U"* sa "*ghax issa,"*
Fol. 958 linji 11 sa 13 minn "Kummissarju John Rizzo" sa *"Mhux hekk ?*"
Fol. 959 linji 1 sa 7 minn "Ganni Attard !" sa "*Xi tridu l-inkwiet?"*
Fol. 963 linji 9 u 10 minn "*ha ngibu konfessur*" sa "*qrara inti*."
Fol. 991 linja 1 u 2 minn "Kummissarju John Rizzo" sa "indimtx habib".
Fol. 991 linja 27 sa 31minn "Kummissarju John Rizzo" sa. *"il-kelma innocent"*
Fol.1013 linja 8 minn "Kummissarju John Rizzo" sa *"bniedem taf."*
Fol.1013 linja 11 minn "Kummissarju John Rizzo" vs. *"inkredibbli taf."*
Fol.1013 linja 24 sa 25 minn "Kummissarju John Rizzo" sa *"bil-qeghda hemm"*
Fol.1013 linja 27 sa 28 minn "Kummissarju John Rizzo" sa *"broxk*"
Fol.1013 linja 30 *"int broxk*.."
Fol.1014 linja 2 sa 5 minn "Kummissarju John Rizzo" sa *"u mhux konfessur*"
Fol.1017 linja 28 sa fol. 1019 linja 17 minn "Kummissarju John Rizzo" sa *"f'daqqa,bumm*"
Fol.1043 linja 20 sa 27 minn "Kummissarju John Rizzo" sa *"qtiltha jien?"*
Fol.1051 linja 6 sa 13 minn "Spettur Antonello Grech" sa "*le hoj hawn hekk."*
Fol.1053 linja 7 sa 20 minn "*Ghax dejjem bezghet minnek*" sa *"in-nies allright*?"
Fol.1062 linja 6 sa 9 minn *"Issa haga ohra taf*" sa "*Fuq Ganni il-Muha"*
Fol.1062 linja 15 sa 16 minn *"ghax kieku*" sa *"il-Muha"*
Fol.1064 linja 21 sa 32 minn "Kummissarju John Rizzo" sa *"tnehhi l-hajja."*
Fol.1065 linja 1 "X'hiex?"
Fol.1066 linja 15 sa 20 minn "Supratendent Pierre Calleja" sa *"Kif karattri?"*
Fol.1066 linja 26 sa 32 minn "Kummissarju John Rizzo" sa *"U zgur."*

Fol.1069 linja 4 minn "Kummissarju" sa *"ha tivvinta?"*

"Tichad l-eccezzjoni ghar-rigward tal-oggezzjonijiet l-ohra kollha tad-difiza ghall-partitijiet ohra tar-recording audio u t-traskrizzjoni tieghu tal-interrogatorju tal-akkuzat, pero` fl-istess waqt dejjem tirrizerva li tidderigi lill-gurija dwar l-import tad-domandi fi kwalsiasi forma li jiehdu minn kaz ghal-kaz waqt il-kawza quddiem il-guri.

"Ttiddifferixxi l-kawza *sine die* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' kull appell eventwali minn din is-sentenza u, f'kaz li ma jkunx hemm appell, sabiex il-kawza tigi appuntata biex tinstema quddiem il-Qorti bil-gurija skond meta jmissha t-turn taghha skond il-ligi.

"Sadattant l-akkuzat jibqa' fl-istess stat li hu llum ghal dak li jirrigwarda l-liberta` provizorja."

3. Minn din is-sentenza appella l-akkuzat b'rikors datat 17 ta' Settembru 2004. Huwa jikkontendi, bazikament, li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta f'dawk il-partijiet fejn ma laqghetx l-eccezzjoni tieghu sabiex partijiet mill-istqarrija tieghu (kif traskritta) u/jew mit-*tape* (fl-eventwalita` li t-*tape* jissemma' lill-gurati) ma jingiebux a konjizzjoni tal-gurati. Dwar dawk il-partijiet ta' l-istqarrija fejn hemm kliem hazin – li xi whud minnu jammonta ghal dagha – li qal l-istess appellant fil-kors ta' l-interrogatorju, huwa jikkontendi li peress illi l-maggor parti tal-popolazzjoni tikkunsidra tali kliem "b'mod dispreggattiv", allura l-gurati ser iharsu wkoll lejhom u konsegwentement lejh ukoll b'mod negattiv. Huwa jghid li apparti dan, hemm sezzjoni tal-popolazzjoni "b'valuri morali profondi illi jpoggu lill-persuna li juza' kliem hazin u dagha f'kategorija illi hija kundannabbli minghajr ebda riservi". B'referenza ghal dawk is-siltiet li l-ewwel Qorti ikkategorizzat bhala "Referenzi ghall-kondotta precedenti tal-akkuzat", l-appellant jilmenta li l-imsemmija Qorti kienet zbaljata meta iddistingwiet bejn xi referenzi ghall-kondotta precedenti ta' l-akkuzat li jsiru minnu spontanjament, u dawk li jkunu r-risultat ta' "domanda, suggeriment jew stuzzikar tal-ufficjali interrogaturi". Fir-

rigward ta' "Kummenti w rimarki dwar x'qal haddiehor u li skond id-difiza huma bazati fuq 'hearsay'" l-appellant jillanja li ma kienitx korretta l-ewwel Qorti li tippermetti li jsiru referenzi shah ghal dak li seta' qal haddiehor, b'mod li l-gurati jithallew jirruminaw fuq id-dubbji u/jew jinghataw stampa storta tal-kaz. Fi kliem ir-rikors ta' appell: "Id-difiza mhix qieghda tghid li l-investigaturi ma setghux jaghmlu dawn id-domandi fl-istadju ta' l-investigazzjoni sabiex jindagaw ahjar il-kaz taghhom. Li qed jinghad hu, illi fl-istadju tal-gudizzju m'ghandhomx jigu permessi ghaliex hawn ikun spicca l-istadju ta' stratagemmi, jekk xi espedizzjoni (*sic!*) li twassal aktar ghall-inkjesta milli ghar-ricerka tal-verita`." Finalment, fir-rigward tar-raba' kategorija, u cioe` "Kummenti, rimarki jew allegazzjonijiet tal-ufficjali investigaturi li jikkostitwixxu biss opinjonijiet jew ghax imorru kontra l-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat", l-appellant bazikament jilmenta li b'dak kollu li ippermettiet li jingieb a konjizzjoni tal-gurati, l-ewwel Qorti kienet qed tohloq perikolu ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja li ebda indirizz ta' l-Imhallef togat ma jista' jxejjen.

4. Jibda biex jinghad li din il-Qorti tapprezza il-preokkupazzjonijiet tal-appellant fir-rigward ta' dawk il-brani li dwarhom l-ewwel Qorti iddecidiet li tippermetti li jingiebu a konjizzjoni tal-gurati. Tapprezza wkoll id-diffikulta` jew diffikultajiet li kellha quddiemha l-ewwel Qorti biex taghmel "editing" ta' partijiet mit-traskrizzjoni ta' dak li qalu l-interrogaturi waqt li kienu qed jinterrogaw lill-akkuzat u tar-risposti ta' l-istess akkuzat – b'dak kollu li jinghad, xi mindaqqiet ukoll irrelevanti jew semplici "interferenza" fil-process ta' mistoqsija u risposta, qed jigi registrat fuq it-*tape* u eventwalment traskritt. Frankament din il-Qorti tinsab ukoll ftit perplessa bil-mod kif sar dan l-interrogatorju li fil-parti l-kbira tieghu flok ma hu fil-forma ta' mistoqsija u risposta fih hafna intromissjonijiet mill-interrogaturi li xejn ma jghinu biex wiehed ikun jista' jsegwi dak li qed ighid jew jipprova ighid l-interrogat – u wara kollox, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, hu dak li jghid l-interrogat li jista' talvolta jaghmel prova kontra tieghu u mhux dak li jghidu l-interrogaturi, irrispettivament minn kemm ighiduh b'insistenza jew b'awtorita`. Mill-banda l-

ohra dak li forsi l-appellant mhux japprezza bizzejjed huwa r-rwol determinanti li ghandu l-Imhallef togat fil-kors tal-guri f'kazijiet simili li jispjega lill-gurati x'jistghu u x'ma jistghux jikkunsidraw bhala prova kontra tieghu, kif ukoll is-setgha ta' l-istess Imhallef li jidderigi lill-gurati b'mod car u inekwivoku li certi brani jew siltiet mit-traskrizzjoni ghandhom jigu injorati kompletament ghax ma jkunux jammontaw ghal prova kontra l-akkuzat. Hekk, per ezempju, meta l-akkuzat jigi rinfaccjat b'dak li allegatament qalu dwaru terzi persuni li jew ma jkunux producibbli bhala xhieda jew li bhala fatt ma jkunux ser jigu prodotti bhala xhieda, jekk kemm-il darba ma jkunx hemm akwijixxenza ossia qbil car (f'kollox jew in parti) da parti ta' l-akkuzat ma' dak li dawn it-terzi jkunu allegatament qalu fil-konfront tieghu bhala li jimplikawh fid-delitt, l-Imhallef togat hu obbligat li jidderigi lill-gurati minghajr mezzi termini sabiex jiskartaw kompletament dak li dawk it-terzi jkunu hekk qalu. Jista' jinghad f'certu sens li huwa wkoll bhala ghajnuna ghall-istess Imhallef togat li jsir l-"editing" fl-istadju ta' qabel il-guri, u dana proprju biex jigi evitat li l-imsemmi Imhallef jinsa jew jaqbez xi silta, li huwa jkun obbligat li jidderigi lill-gurati dwarha b'mod car u esplicitu, fl-indirizz tieghu. Ir-regola hi li, hlief fejn stqarrija ta' akkuzat ikun fiha xi haga li hija espressament projbita bil-ligi – ez. referenza ghar-recidiva ossia "previous conviction" tieghu – l-"editing" ta' tali stqarrija hija piu` o meno materja diskrezzjonali imhollija fil-gudizzju ta' l-Onorevoli Imhallef li jkun ser jippresjedi l-guri, u mhux materja li fiha din il-Qorti ghandha tidhol fid-dettal f'dana l-istadju tal-proceduri (ara f'dan is-sens, ghalkemm f'kuntest ftit differenti, is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, ta' l-14 ta' Gunju 1999 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Vella u Christopher Schembri***). Dan ma jfissirx, pero`, li jekk din il-Qorti tkun tal-fehma li ghandu jsir hekk, m'ghandhiex tordna jew taghmel aktar "editing" milli tkun ghamlet l-ewwel Qorti (jew addirittura li tippermetti li jingiebu a konjizzjoni tal-gurati xi affarijiet li l-ewwel Qorti tkun ordnat li m'ghandhomx hekk jingiebu). Il-punt kollu hu li hija l-Qorti Kriminali li hija fl-ahjar posizzjoni li tara, anke fid-dawl tal-provi l-ohra kollha li jista' talvolta jkun hemm kontra l-akkuzat u specjalment man mano li jibda jisvolgi l-guri

quddiem il-gurati, x'"editing" (jew addirittura x'"editing" aktar minn dak li jkun diga` gie ordnat fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari) hu doveruz li jsir biex jigu salvagwardati kemm ir-ricerka ghall-verita` kif ukoll id-dritt ta' l-akkuzat li ma jkunx pregudikat bi ksur tal-ligi.

5. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa it-traskrizzjoni ta' l-interrogatorju ta' l-akkuzat kif ukoll – u specjalment – il-brani li dwarhom qed issir oggezzjoni da parti tad-difiza (ara n-nota ta' l-akkuzat tat-30 ta' Lulju 2004). Fir-rigward ta' l-ewwel aggravju, u cioe` dwar kliem hazin u dagha li l-interrogat – l-appellant odjern – xi mindaqqiet ilissen, din il-Qorti ma tarax li ghandha b'xi mod izzid ma' dak li l-ewwel Qorti osservat fis-sentenza taghha f'dan ir-rigward. Ghalkemm l-uzu ta' tali kliem hu deplorevoli mill-aspett morali, l-uzu ta' tali kliem jirrifletti xi ftit jew wisq l-i*stato d'animo* tal-akkuzat appellant fil-kors ta' l-istess interrogatorju, kif ukoll jista' jkun indikattiv mhux biss tal-volontarjeta` o meno ta' dak li jkun qed jinghad izda wkoll tal-genwinita` li biha dak li jkun ikun qed jitkellem – ghax hekk ikun imdorri jitkellem – u ghalhekk huwa fattur li jista' anke jimmilita favur l-akkuzat. Jibqa' l-fatt li l-Imhallef togat ghandu jispjega lill-gurati – li certament wiehed m'ghandux jassumi li huma maqtughin mir-realtajiet tal-hajja Maltija, anzi, bil-kuntrarju, wiehed ghandu jassumi li li huma konxji mill-fatt li certi nies mhux kapaci li jikkonversaw minghajr ma jzewqu diskorshom bi kliem hazin – li l-uzu ta' tali kliem *per se* b'ebda mod ma jekwivali ghal xi htija ta' l-akkuzat taht l-ewwel jew taht it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju ta' l-akkuzat qed jigi respint.

6. Kwantu ghat-tieni aggravju, l-analizi maghmula mill-ewwel Qorti tas-siltiet li minnhom kien qed jilmenta l-akkuzat quddiemha, kif ukoll id-decizjoni li hadet fir-rigward ta' kull silta, hija ineccepibbli. Hemm differenza kbira bejn il-fama jew reputazzjoni (f'dan il-kaz, fama jew reputazzjoni hazina) li wiehed ikollu, u l-fatt li wiehed ikun instab hati ta' reat (ir-recidiva jew "previous conviction). Fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-Artikoli 459A u 489 tal-Kodici Kriminali, il-fatt li akkuzat ikun instab hati ta' reat ma jistax jingieb a konjizzjoni tal-gurati anke jekk dana l-fatt ikun

issemma' spontanjament mill-akkuzat fl-istqarrija tieghu (salv, s'intendi, jekk ikun l-akkuzat stess li jinsisti li jgib dan il-fatt a konjizzjoni tal-gurati waqt il-guri u salv ukoll naturalment dak provvdut fl-imsemmija zewg disposizzjonijiet). Mill-banda l-ohra, il-fama ta' l-akkuzat, jekk din tissema' minnu fuq mistoqsija specifikatament intiza biex tinghata din l-informazzjoni ossia fuq stuzzikar tal-interrogaturi, ghandha tigi regolata daqs li kieku kienet twegiba fuq mistoqsija kif previst fl-imsemmi Artikolu 459A. Huwa ghalhekk li l-ewwel Qorti gustament irriteniet li fejn l-akkuzat semma' l-fama tieghu mhux in segwitu ghal xi mistoqsija specifika jew stuzzikar ta' l-interrogaturi izda semmiha *sua sponte* ossia spontanjament, tali cirkostanza setghet, ghal kull valur li jista' jkollha, tingieb a konjizzjoni tal-gurati. Ghalhekk dana t-tieni aggravju wkoll qed jigi respint.

7. Fir-rigward tat-tielet aggravju, fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, ma jidhirx li l-ufficjali interrogaturi kienu qed jirrinfaccjaw lill-appellant – allura l-interrogat – b'dak li qalu dwaru terzi persuni (riferibbilment ghall-allegata partecipazzjoni tieghu fir-reat) bl-iskop li jigu introdotti quddiem il-gurati provi li ma kienux ammissibbli kontra l-istess akkuzat. Jidher li l-iskop taghhom kien wiehed legittimu, u cioe` li jirrinfaccjaw lill-interrogat b'dak li kienu qalu dwaru terzi persuni biex huwa jaghti l-ispjegazzjoni tieghu (u possibilment anke jawijexxi ossia jaqbel ma' dak li dawk it-terzi jkunu qed ighidu fir-rigward ta' l-allegat involviment tieghu). Kienet tkun differenti l-posizzjoni li kieku, mill-mod kif saru l-mistoqsijiet – ez. bi kwotazzjonijiet twal u *verbatim* ta' dak li qal haddiehor – wiehed seta' legittimament jikkonkludi li l-Pulizija kienu qed jippruvaw jghaddu mit-tieqa flok mill-bieb, u cioe` billi deliberatament jgibu a konjizzjoni tal-gurati provi li kienu altrimenti inammissibbli. F'din it-tieni ipotezi din il-Qorti – u zgur anke l-ewwel Qorti – ma kienx ikollha l-icken ezitazzjoni li tordna li jitnehhew kemm il-"mistoqsija" kif ukoll it-twegiba li ma tkunx tammonta ghal akwijixxenza jew qbil ma' dak li jkun qal haddiehor. Kif jinghad fi **Blackstone's Criminal Practice 2004**, pagna 2356, para. F17.51:

> **“Difficulties may, however, arise if the police show the accused a statement made by a co-accused implicating him, ostensibly to gauge the accused’s reaction, but intending also to profit by getting the statement before the court in circumstances where the maker of the statement cannot be called as a witness. This practice was condemned in *Gardner* (1915) 11 Cr App R 265, and although the court was not prepared to say that admissions obtained in this way were inadmissible, it appears to have been regarded as within the discretion of the trail judge to exclude statements put to the accused for the purpose of extracting a confession.”**

Minkejja dan, jibqa’ l-fatt, xi ftit jew wisq skoncertanti, li f’xi partijiet tat-traskrizzjoni – u specjalment fil-bidu taghha – il-gurati ser jintqal lilhom dak li allegatament qalu, fir-rigward ta’ l-akkuzat, persuni li l-prosekuzzjoni stess qed tipprospetta li kienu jew ko-awturi fid-delitt ta’ omicidju volontarju jew komplici. Hu appena neccessarju jinghad li dawn il-persuni ma humiex xhieda ammissibbli kontra l-akkuzat (u effettivament wiehed minnhom miet ukoll fil-mori tal-kawza, u ghalhekk ukoll ma jistax jigi prodott bhala xhud!). Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li sabiex il-gurati zgur li ma jkunu b’ebda mod influwenzati b’xi haga li talvolta allegatament ikunu qalu dawn is-suppost ko-awturi jew komplici, **it-traskrizzjoni ghandha tigi “edited” b’tali mod li, safejn hu possibbli, l-identita` ta’ dawn l-allegati ko-awturi jew komplici, fir-rigward ta’ dak li jkun qed jigi imputat minnhom fir-rigward ta’ l-akkuzat, ma tigix svelata lill-gurati**. Jinghad “sa fejn hu possibbli” ghax il-mod ta’ kif tali “editing” ghandu jsir din il-Qorti ser thallih f’idejn l-ewwel Qorti u fid-diskrezzjoni taghha[1]. Fi kliem iehor u per ezempju, flok ma jinghad “Farrugia ighid li…” jew “Benny ighid li…”, jinghad “Il-Pulizija ghandha informazzjoni li…”. S’intendi, ghal dak li jirrigwarda l-*playback* tat-*tape* (jekk din tintalab) ikun jispetta wkoll lill-ewwel Qorti li tara xi jkun l-mod li bih wiehed ghandu jipprocedi fl-interess ta’ l-ahjar

[1] Ara, a propositu, id-decizjoni ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Gunju 1994 fil-kawza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta’ Malta v. Michael Bonnici u Joseph Azzopardi***.

amministrazzjoini tal-gustizzja u fid-dawl ta’ din is-sentenza. Fic-cirkostanzi, u salv dak li intqal diga` fil-paragrafu 4 (*supra*) ta’ din is-sentenza dwar id-direttivi cari li ghandha taghti l-Qorti Kriminali, din il-Qorti ser tirriforma s-sentenza appellata kwantu jirrigwarda s-siltiet li jaqghu f’din it-tielet kategorija bil-mod kif hawn aktar ‘l fuq indikat f’dan il-paragrafu (7), izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija fir-rigward ta’ dawn is-siltiet.

8. Finalment, ghal dak li jirrigwarda r-raba’ u l-ahhar aggravju, din il-Qorti wkoll ezaminat is-siltiet kollha li l-ewwel Qorti rriteniet li jistghu legittimament jitqeghdu quddiem il-gurati (ir-raba’ kategorija skond is-sentenza appellata). Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet esercizzju essenzjalment korrett, u li halliet barra sabiex ma jingiebx a konjizzjoni tal-gurati dak li kien verament superfluwu u/jew li ma kien jikkontribwixxi xejn ghas-sustanza ta’ l-interrogatorju. Anzi l-ewwel Qorti marret oltre, u addirittura eskludiet siltiet li l-anqas l-akkuzat stess jew id-difensuri tieghu ma jidher li intebhu bihom. Dana r-raba’ aggravju, ghalhekk, qed jigi respint.

9. Ghall-motivi premessi, u salv dejjem dak li ntqal fil-paragrafu 4, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata biss fis-sens kif indikat fil-paragrafu 7 u cioe` billi tordna li t-traskrizzjoni ghandha tigi “edited” b’tali mod li, safejn hu possibbli, l-identita` ta’ l-allegati ko-awturi jew komplici, fir-rigward ta’ dak li jkun qed jigi imputat minnhom fir-rigward ta’ l-akkuzat, ma tigix svelata lill-gurati, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kaz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------